

REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) 2017/2367**tat-18 ta' Diċembru 2017****li jemenda d-Direttiva 2009/81/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-livelli limitu ta' applikazzjoni għall-proċeduri għall-għoti ta' kuntratti****(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva 2009/81/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2009 dwar il-koordinazzjoni tal-proċeduri għall-għoti ta' ċerti kuntratti ta' xogħlijiet, provvisti u servizzi minn awtoritajiet jew entitajiet kontraenti fl-oqsma tad-difiża u s-sigurtà, u li temenda d-Direttiva 2004/17/KE u d-Direttiva 2004/18/KE ⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 68 tagħha,

Billi:

- (1) Permezz tad-Deċiżjoni 2014/115/UE ⁽²⁾, il-Kunsill approva l-Protokoll li jemenda l-Ftehim dwar l-Akkwist Pubbliċi ("il-Ftehim") ⁽³⁾ konkluż fil-qafas tal-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ. Il-Ftehim huwa strument plurilaterali u għandu l-għan li jiftaħ is-swieq tal-akkwist pubbliku b'mod reċiproku fost il-partijiet kontraenti tiegħu. Huwa japplika għal kwalunkwe kuntratt ta' akkwist pubbliku b'valur li jilħaq jew li jaqbeż l-ammonti ("il-livelli limitu") stipulati fil-Ftehim u espressi bħala drittijiet speċjali ta' prelevament.
- (2) Wieħed mill-għanijiet tad-Direttiva 2009/81/KE huwa li l-entitajiet kontraenti u l-awtoritajiet kontraenti li japplikaw dik id-Direttiva jkunu jistgħu, fl-istess waqt, jikkonformaw mal-obbligi stabbiliti fil-Ftehim. Biex jinkiseb dan, jenħtieġ li l-livelli limitu stabbiliti f'dik id-Direttiva għall-kuntratti pubbliċi, li huma koperti wkoll mill-Ftehim, jiġu allinjati sabiex jiġi żgurat li jikkorrispondu mal-ekwivalenti feuro, imqarrra għall-eqreb elf, tal-livelli limitu stipulati fil-Ftehim.
- (3) Għal raġunijiet ta' koerenza, jenħtieġ li l-livelli limitu stabbiliti fid-Direttiva 2009/81/KE jiġu allinjati mal-livelli limitu riveduti stabbiliti fid-Direttiva 2014/25/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽⁴⁾. Għalhekk jenħtieġ li d-Direttiva 2009/81/KE tiġi emendata skont dan.
- (4) Il-miżuri stipulati f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat Konsultattiv għall-Kuntratti Pubbliċi,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-Artikolu 8 tad-Direttiva 2009/81/KE huwa emendat kif ġej:

- (1) fil-punt (a) l-ammont "EUR 418 000" jinbidel b"EUR 443 000",
- (2) fil-punt (b), l-ammont "EUR 5 225 000" jinbidel b"EUR 5 548 000".

Artikolu 2

Dan ir-Regolament jidhrol fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 2018.

⁽¹⁾ ĠUL 216, 20.8.2009, p. 76.⁽²⁾ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2014/115/UE tat-2 ta' Diċembru 2013 dwar il-konklużjoni tal-Protokoll li jemenda l-Ftehim dwar l-Akkwist Pubbliku mill-Gvern (ĠUL 68, 7.3.2014, p. 1).⁽³⁾ ĠUL 68, 7.3.2014, p. 4.⁽⁴⁾ Id-Direttiva 2014/25/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Frar 2014 dwar l-akkwist minn entitajiet li joperaw fis-setturi tas-servizzi tal-ilma, l-enerġija, it-trasport u postali u li tħassar id-Direttiva 2004/17/KE (ĠUL 94, 28.3.2014, p. 243).

Dan ir-Regolament jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-18 ta' Diċembru 2017.

Għall-Kummissjoni

Il-President

Jean-Claude JUNCKER
